

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 —  
Evropaïki Dynamiki vs BEI**

(Kawża T-461/08) <sup>(1)</sup>

“*Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizz ta' għajna għall-manteniment, għas-sostenn u għall-iżvilupp ta' sistema informatika — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Kompetenza — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għal rikors effettiv — Trasparenza — Proporzjonalità — Trattament ugwali u nondiskriminazzjoni — Kriterji ta' għażla u ta' għoti — Rikors għad-danni — Ammissibbiltà — Telf ta' profitti*”

(2011/C 319/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u P. Katsimani, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: C. Gómez de la Cruz u T. Pietilä, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BEI, tal-31 ta' Jannar 2008, li ma jaċċettax l-offerta mogħtija mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti li tirrigwarda l-provvista ta' servizzi intiżi sabiex tingħata għajna għall-manteniment, għas-sostenn u għall-iżvilupp ta' sistema informatika u li jagħti l-kuntratt lil offerent ieħor, mressqa abbażi tal-Artikoli 225 KE u 230 KE, u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni mressqa abbażi tal-Artikoli 225 KE, 235 KE u 288 KE.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) li ma jaċċettax l-offerta mogħtija minn Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tas-sejħa għal offerti 2007/S 176-215155 li tirrigwarda l-provvista ta' servizzi intiżi sabiex tingħata “[g]ħajna għall-manteniment, għas-sostenn u għall-iżvilupp tas-sistema ‘Loans Front Office’ (Serapis)” u li jagħti l-kuntratt lil Sybase BVBA hija annullata.*

(2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-BEI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 24.01.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2011 —  
NEC Display Solutions Europe vs UASI — C More Entertainment (see more)**

(Kawża T-501/08) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva see more — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti CMORE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*”

(2011/C 319/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: NEC Display Solutions Europe GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Munzinger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: W. Verburg, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: C More Entertainment AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentant: R. Almaraz Palmero, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Awwissu 2008 (Każ R 1388/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn C More Entertainment AB u NEC Display Solutions Europe GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *NEC Display Solutions Europe GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 24.01.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 —  
Dornbracht vs UASI — Metaform Lucchese (META)**

(Kawża T-1/09) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali META — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti META-FORM — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Xebh tal-prodotti u tas-sinjali — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Probabbiltà ta' konfużjoni*”

(2011/C 319/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG (Iserlohn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Mes, C. Graf von der Groeben, G. Rother, J. Bühling, A. Verhauwen, J. Künzel, D. Jestaedt u M. Bergermann, avukati)